**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Sebgħa u Ħamsin (57)**

**19 ta' Settembru 2022**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit – Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Stefan Bajada - Kunsillier
Victor John Curmi – Kunsillier

*Il-Kunsillier Anthony Attard informa verbalment lis-Segretarju Ezekuttiv li ser jasal tard ghal din il-laqgha.*

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

n/a

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

57.1.1 Ma ġewx ippreżentati ittri ta' apoloġija mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**57.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tat-23 ta' Awwissu 2022**

57.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 54 li saret nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2022 wara li ssir il-korrezzjoni proposta mill-Kunsillier Victor Curmi.

**57.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti taż-żewġ laqgħat b'urġenza**

57.3.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti taż-żewġ laqgħat b'urġenza tal-Kunsill numru 55 u 56 li saru nhar il-Ġimgħa 2 ta' Settembru u nhar il-Ġimgħa 9 ta' Settembru 2022 rispettivament.

**57.4 Approvazzjoni tal-*quarterly financial reports* għall-perijodu Jannar-Marzu 2022 u April-Ġunju 2022**

57.4.1 Il-Kunsill approva unanimament il-*quarterly financial reports* għall-perijodu Jannar-Marzu 2022 u April-Ġunju 2022 kif preparati mill-*accountant* tal-Kunsill.

57.4.2 Dawn iż-żewġ rapporti ser jintbagħtu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif stabbilit fir-Regolamenti Finanzjarji tal-Gvern Lokali.

**57.5 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

57.5.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar l-Erbgha 28 ta' Settembru 2022 fl-10.30am jinghalaq il-perijodu ta' sottomissjoni ta' offerti ghax-xoghol tal-bini ta' Centru Civiku gdid fil-lokalita' taghna, liema xoghol ser ikun iffinanzjat mill-Ministeru ghal Ghawdex.

Is-Sindku innota li skont ir-Regolamenti tal-Akkwist Pubbliku, irid jinhatar bord ta' evalwazzjoni li jaggudika l-offerti pubblici li ser jigu sottomessi.

Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard innota li skont il-ftehim ta' finanzjament li gie iffirmat bejn il-Ministeru ghal Ghawdex u l-Kunsill Lokali tax-Xaghra, il-Ministeru irriserva d-dritt li jahtar membru wiehed fil-bord ta' evalwazzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv innota li d-Direttur Generali Vicky Xuereb diga' appuntat lis-Sur Christian Buttigieg, *Manager I* fil-Ministeru ghal Ghawdex, ghal dan ix-xoghol.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li l-bord ghandu jinhatar wara li jaghlaq il-perijodu ta' sottomissjoni ta' offerti ghal dan ix-xoghol.

57.5.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 13 ta' Settembru 2022 saret laqgha fl-ufficcju tal-Kunsill mal-avukat Dr. Carmelo Galea LLD rigward is-sitwazzjoni attwali ta' Triq Marga, it-triq li mix-Xaghra twassal ghal hdejn ir-ristorant Ta' Frenc.

Is-Sindku spjega lill-Kunsilliera attwali li s-sitwazzjoni ta' Triq Marga saret tant perikoluza li l-Perit tal-Kunsill qed jibza' li din tisfronda wara l-ewwel maltempata. Il-Perit qed jistma li x-xoghol kollu sabiex tigi irrangata din it-triq minn fuq sa isfel jammonta ghas-somma ta' aktar minn zewg miljun Ewro.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit innota li l-Kunsill Lokali tax-Xaghra baghat ittra legali lill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta, lill-Ministeru ghal Ghawdex u lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex izommhom responsabbli f'kaz li jigri xi incident fin-nuqqas ta' azzjoni min-naha taghhom sabiex din is-sitwazzjoni tigi rizolta mill-aktar fis possibbli.

Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill ghadu kemm ircieva risposta mill-Ministeru ghal Ghawdex li ser jalloka s-somma ta' € 59,000 (VAT inkluza) ghax-xoghol ta' asfaltar tal-aktar zewg parti kritici tat-triq skont l-istima preparata mill-Perit Edward Scerri.

Il-Kunsill irringrazzja lill-Ministeru ghal Ghawdex li qed jaccetta li jiffinanzja l-maggor parti ta' dawn ix-xoghlijiet u iddecieda unanimament li d-differenza tinhareg mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill qabel li ghandu immedjatament jinhareg it-*tender* ghal dan ix-xoghol.

*Il-Kunsillier Anthony Attard dahal ghal-laqgha fil-5.30pm.*

57.5.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li x-xoghol tat-tahmil tar-*reservoir* fi Pjazza Il-Vitorja wasal fl-ahhar fazijiet tieghu. Huwa qal li l-kuntrattur inkarigat minn dan ix-xoghol, is-Sur Richard Cauchi, ma setax ikompli jaghmel dan ix-xoghol fix-xhur tas-sajf minhabba impenji ohra li kellu relatati mal-festi fl-irhula Ghawdxin.

Is-Sindku qal li ghadna qed nistennew stima dettaljata minghand dan l-istess kuntrattur rigward ix-xoghol li fadal isir f'dan ir-rigward. Is-Segretarju Ezekuttiv Ivan Attard qal li ghandna nassiguraw li x-xoghol ma jaqbizx il-valur ta' *direct order* kif stabbilit fir-Regolamenti Finanzjarji tal-Gvern Lokali. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghal dan.

57.5.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li, sad-data u l-hin tal-gheluq tas-sottomissjoni ta' offerti ghax-xoghol ta' rinnovazzjoni tal-*playing field* fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru, kien hemm offerta wahda li giet sottomessa u li kienet *overbudget* b'madwar € 2,000.

Is-Sindku innota li l-bord ta' evalwazzjoni li twaqqaf fil-laqghat precedenti tal-Kunsill sabiex jaggudika l-offerti sottomessi qed jirrakkomanda li din l-offerta tinghata lill-kumpanija *Gokker Limited* li tefghet l-unika offerta ghal dan ix-xoghol, bil-kundizzjoni li l-Kunsill japprova li d-differenza tinhareg mill-allokazzjoni finanzjarja annwali tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi diskussa waqt laqgha b'urgenza minn hawn u ftit tal-granet ohra.

57.5.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li ghandna nibdew nahsbu ghat-tizjin dekorattiv ta' Pjazza Il-Vitorja u Vjal it-Tmienja ta' Settembru ghall-festi tal-Milied ta' din is-sena.

Is-Sindku innota li l-kuntrattur Richard Cauchi li huwa responsabbli mill-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq fil-lokalita' taghna u fil-maggor parti tal-lokalitajiet Ghawdxin accetta li jiehu hsieb dan is-servizz bil-valur li ma jeccedix is-somma ta' € 5,900 VAT inkluza.

Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob proposta dettaljata minghand is-Sur Richard Cauchi dwar dak li qed jipproponi f'dan ir-rigward. Fuq proposta tal-Vici Sindku Aaron Agius, il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu lill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex naraw x'tizjin jista' joffrilna ghal dan iz-zmien ta' festi.

57.5.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsilliera prezenti li ghandna nibdew nahsbu ghal monument permanenti li jfakkar l-Assedju l-Kbir tal-1565 sabiex jitpogga fi Pjazza Il-Vitorja.

Dan sabiex il-Kumitat ghac-Celebrazzjonijiet Nazzjonali u Regjonali fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex ma jsibx oggezzjoni li l-attivita' annwali tas-7 ta' Settembru filghodu tibqa' ssir fix-Xaghra kull sena. Is-Sindku qal li din il-proposta qed issir ukoll mill-Kumitat tax-*Xaghra Historical Re-enactment Organisation*.

Il-Vici Sindku Aaron Agius innota li diga' hemm zewg proposti ghal zewg siti differenti fil-Pjazza fejn jista' jsir dan il-monument. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu laqgha mac-*Chief of Staff* tal-Ministeru tal-Kultura, is-Sinjura Angele Abela, rigward talba ghal fondi relatati ma' dan il-progett.

57.5.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li z-zewg *tenders* ghal servizz ta' Perit u servizz ta' *accountant* tal-Kunsill jiskadu f'Novembru li

gej bil-possibilita' ta' estensjoni ghal sena ohra sabiex hekk it-tul tal-imsemmija zewg kuntratti ma jaqbizx erba' snin konsekuttivi.

Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li dawn iz-zewg kuntratti pubblici jigu estizi ghal sena ohra sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2023.

57.5.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li ghandna nitolbu lis-Sur Victor Hili, rapprezentant tal-kumpanija *Road Construction Co. Limited*, sabiex jiffinalizza l-ahhar ftit xoghol li fadal fi Triq Marsalforn.

**57.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

57.6.1 *Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera prezenti.*

**57.7 Qari tal-Korrispondenza**

57.7.1 Ċirkulari numru 082/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Sigurta' ħdejn l-iskejjel'. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li l-informazzjoni mitluba ntbagħtet sad-data rikjesta.

57.7.2 Ċirkulari numru 083/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Taħriġ Finanzjarju għall-Membri Eletti, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.3 Ċirkulari numru 084/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Masters fil-Governanza u Immaniġġjar (MQF 7)'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.4 Ċirkulari numru 085/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Dati ta' għeluq snin Sindki, Kunsilliera, SE u ħaddiema'. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li l-informazzjoni mitluba ntbagħtet sad-data rikjesta.

57.7.5 E-mail mingħand NRGY Concepts Limited li fiha qed tistieden lis-Sindki, Viċi Sindki, Kunsilliera u ħaddiema fl-uffiċċji tal-Kunsilli Lokali sabiex jipparteċipaw f'*show* televiżiva bl-isem 'Assedji' li ser tibda f'Ottubru li ġej. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.6 E-mail mill-Federazzjoni tal-Bliet Ewropej tal-Karnival li fiha qed tistieden zewg rappreżentanti tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jattendu għall-Konferenza annwali tal-FECC li ser issir fi Slovenja bejn il-Ġimgħa 7 u t-Tnejn 10 ta' Ottubru 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.7 E-mail mingħand David Helm, rappreżentant tal-kumpanija *Xerri's Garden Centre, Nursery and Landscape Designers*, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li l-estensjoni tal-kuntratt għall-manutenzjoni tal-pjanti fi Pjazza l-Vitorja tiskadi fit-30 ta' Settembru 2022.

Il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt ghandu jerga' jiggedded sa mhux aktar tard mill-31 ta' Dicembru 2022.

57.7.8 E-mail mingħand Nicky Saliba, Uffiċjal Maniġerjali fuq is-sezzjoni tal-Ambjent fir-Reġjun Għawdex, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali Għawdxin bi dwal għat-tabelli tat-Traffiku sabiex ikunu viżibbli għall-persuni neqsin mid-dawl. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.9 Ittra mingħand Francois Deniau flimkien mal-grupp tiegħu li fiha qed jitlob in-*no objection* tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jiġu organizzati numru ta' *beach clean-ups* inkluż festivals matul ix-xhur ta' Ottubru, Novembru u Diċembru 2022 fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra. Dawn ser jiġu organizzati bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill accetta din it-talba.

57.7.10 E-mail mill-ERA li fiha qed tinforma lill-Kunsill li ġie awtorizzat il-permess għal *sand sifting* fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra. Dan il-permess jiskadi fid-9 ta' Settembru 2023.

Il-Kunsill innota l-kontenut u qabel li ghandna nikkordinaw mal-Ministeru ghal Ghawdex u mal-ERA sabiex issir sessjoni ta' *sand sifting* fil-bajja tar-Ramla l-Hamra f'April jew Mejju 2023.

57.7.11 Ċirkulari numru 086/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Sessjoni Informattiva – Direttorat għal Żvilupp Sostenibbli'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.12 E-mail mingħand Christian Magrin, rappreżentant tal-komunita' ta' Sant'Anton Abbati, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li l-ebda informazzjoni ma nstabet mill-Awtorita' tal-Artijiet rigward l-isqaq quddiem il-Knisja ta' Sant'Anton Abbati. L-Awtorita' qed tgħid li dan is-sit jista' jkun *ex-church property* li għadu jrid jiġi reġistrat.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li ghandu jsir xoghol ta' pavimentar quddiem il-Knisja ta' Sant'Anton Abbati kif kien diga' gie deciz mill-Kunsill lura ghas-sena 2015 / 2016. Ser nitolbu stima minghand il-kuntrattur Joe Grima ghal dan ix-xoghol.

57.7.13 E-mail mingħand l-ERA rigward sessjoni ta' konsultazzjoni li qed titnieda minn din l-Awtorita' rigward l-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Ambjent għas-sena 2050. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.14 E-mail mingħand Svetlick Flores, Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-Infurzar Lokali (LESA), rigward l-iskema Fondi – Proġetti fil-Komunitajiet (Proġetti 2023). L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi sal-4.00pm tal-Ġimgħa 4 ta' Novembru 2022.

Il-Kunsill qabel li ghandna napplikaw ghar-restawr tan-nicca tal-Madonna tal-Angli fi Triq Marsalforn, in-nicca ta' Marija Bidu tal-Ferh Taghna fi Triq Ta' Gajdoru u n-nicca ta' San Frangisk fi Pjazza Sant'Anton. Dan suggett ghall-permess bil-miktub mill-propjetarji ta' dawn it-tliet nicec rispettivi.

57.7.15 Ċirkulari numru 087/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Proġett – 30 Anniversarju Gvern Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.16 E-mail mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi ta' Malta bi stedina għal konferenza li ser issir f'Malta bejn it-Tlieta 4 u l-Ħamis 6 ta' Ottubru 2022

bit-tema ‘2nd Mediterranean Coastal Erosion Conference (MCEC)’. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.17 Ċirkulari numru 088/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata ‘Parteċipazzjoni fil-programm Illum ma’ Steph għas-sena 2022 / 2023’. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.18 Kwotazzjoni mingħand Ronnie Dimech tal-kumpanija *Powersound* għal servizz ta’ PA waqt il-Kunċert ‘End of Summer Concert’ li ser isir fi Pjazza Il-Vitorja minn *Cash & Band* nhar is-Sibt 24 ta’ Settembru 2022. Il-kwotazzjoni tammonta għas-somma ta’ € 2761.20c VAT inkluża. Il-Kunsill approva unanimament din il-kwotazzjoni.

57.7.19 E-mail mingħand Mauro Gasan, *managing director* tal-kumpanija *Petite Events*, li fiha qed jitlob il-permess tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jiġu organizzati serje ta’ logħob għal delegazzjoni internazzjonali ta’ mija u ħamsin persuna fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra nhar il-Ġimgħa 30 ta’ Settembru 2022 bejn is-2.30pm u l-5.00pm.

Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghal din l-attivita’ bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm tisjir u/jew zjut fuq il-bajja u l-post jitnaddaf immedjatament wara li tintemm l-attivita’.

57.7.20 Ċirkulari mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-tfal rigward is-seminar annwali li ser isir fit-28 ta’ Novembru, 30 ta’ Novembru jew 2 ta’ Diċembru 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.21 E-mail mir-Reġjun Għawdex li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali Għawdxin bit-tnedija tal-Proċess ta’ Konsultazzjoni għall-Istrateġija tal-Gvern Lokali. L-Onor. Alison Zerafa Civelli, Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, ser tiltaqa’ mal-Kunsilli Lokali Għawdxin nhar il-Ħamis 17 ta’ Novembru 2022 mis-2.30pm sal-4.30pm f’post li jrid jitħabbar aktar ‘il quddiem. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.22 Ċirkulari numru 089/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata ‘European Local Democracy Week 22-23 ta’ Ottubru 2022’. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.23 Ċirkulari numru 090/2022 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Infrastructure Malta – Plans for Interventions on Rural Roads'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

57.7.24 Kwotazzjoni minghand is-Surmast Mro. Mark Gauci, *leader* tal-grupp *Brass Tubes*, ghal servizz muzikali ta' ghanjiet tal-Milied fi zmien il-festi li gejjin. Il-kwotazzjoni tammonta ghas-somma ta' € 550 VAT inkluza.

Il-Kunsill qabel li ghandu jistieden lil din il-*band* sabiex tanima lill-pubbliku fi Pjazza Il-Vitorja nhar il-Hadd 18 ta' Dicembru 2022 mill-10.00am sa nofsinhar.

*Il-Vici Sindku Aaron Agius irtira mil-laqgha fis-6.15pm.*

**57.7 Ilmenti mir-residenti**

57.7.1 Talba mingħand diversi anzjani Xagħrin li jattendu fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum sabiex il-Kunsill Lokali jorganizza kors għall-anzjani li fih jitgħallmu jużaw il-kompjuter b'mod bażiku. Il-Kunsill qabel li dan il-kors ghandu jsir.

57.8.2 Talba mingħand Mary Micallef ta' Triq Bullara sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tar-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu lis-Sinjura Micallef biex iggib il-permess tas-sid ta' faccata qabel ma nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

57.8.3 Talba mingħand ir-residenti ta' Triq Ġużeppi Grech sabiex titwaħħal bozza ġdida fil-bidu ta' Triq Ġużeppi Grech ftit 'l isfel mill-Mitħna Ta' Kola. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

57.8.4 Talba mingħand Francis Deniau ta' 6, Triq Jannar, sabiex titwaħħal *stand* tar-roti quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li din l-i*stand* ghandna titwahhal fil-post indikat.

57.8.5 Talba mingħand Joyce Cefai ta' N.B., Triq Ta' Ġorf, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tal-isqaq fejn tinsab ir-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu lis-Sinjura Cefai biex iggib il-permess tas-sid ta' faccata qabel ma nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

57.8.6 Talba mingħand George Theuma ta' 64, Triq Ta' Gajdoru, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem il-bieb tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

57.8.7 Talba mingħand Rita Gatt ta' 17, Triq l-Għejun, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem il-bieb tar-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

57.8.8 Talba mingħand Mark u James Bonnici ta' Triq Knisja sabiex isir *culvert* quddiem ir-residenzi tagħhom fl-istess triq, liema *culvert* jiġi magħqud ma' wieħed eżistenti quddiem ir-residenza tas-Sur Philip Mercieca. Dan peress li l-ilma tax-xita qed jaqleb fuq din in-naħa ta' dawn iż-żewġ residenzi.

Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu lill-Perit Johann Camilleri sabiex jipprepara stima ghal dan ix-xoghol.

57.8.9 Talba mingħand Neil Bartolo ta' *P&D Condominium Services* sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata ta' garaxx li għandhom fi Triq Marsalforn. Il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu lis-Sur Bartolo sabiex igib il-permess ta' sid ir-residenza ta' faccata qabel ma nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

57.8.10 Talba mingħand Franco Debono ta' 'Villa Debono', Triq l-Għejun, sabiex ix-xogħol ta' twessiegħ ta' parti minn sqaq pubbliku fi Triq l-Għejun. Il-Kunsill qabel li ghandna nirreferu lis-Sur Debono ghand l-Awtorita' tal-Artijiet u l-Ministeru ghal Ghawdex.

57.8.11 Talba mingħand Marvic Gauci ta' 'Antluc', Triq it-28 ta' April 1688, sabiex jitneħħew is-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar li saru riċentament

quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta’ Transport Malta.

57.8.12 Talba mingħand Anthony Farrugia ta’ 41, Triq Knisja, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem il-bieb tal-garaxx tar-residenza tiegħu u jitwaħħlu tliet *bollards* fuq il-bankina tar-residenza tiegħu. Dan minħabba li l-bankina tar-residenza tiegħu ġiet miksura minn xi sewwieqa li għaddew bil-vetturi tagħhom minn din it-triq. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta’ Transport Malta.

57.8.13 Talba mingħand Anne E. Zahra ta’ Jasmine Court, Mais 2, Triq Tas-Sruġ, sabiex isir *communal reserved parking bay* għad-*disabled* quddiem ir-residenza tagħha. Il-persuna konċernata għandha l-*blue badge* u l-karta tal-identita’ speċjali għall-persuni b’diżabilita’. Il-Kunsill qabel li ghandna nressqu din it-talba ghall-approvazzjoni ta’ Transport Malta.

57.8.14 Talba mingħand Carmen Fenech ta’ Triq Tas-Sruġ sabiex titranġa r-rampa quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li dan ix-xoghol ghandu jsir.

57.8.15 Talba minghand Joseph Gauci ta’ ‘Adonai’, Sqaq fi Triq Knisja, sabiex titranga t-tinda li tinsab fuq il-kalata tal-bocci fil-*playing field* ta’ Vjal it-Tmienja ta’ Settembru. Hemm stima ta’ madwar € 15,000 sabiex isir dan ix-xoghol.

Fuq proposta tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel li ghandna nitolbu lis-Sur Gauci sabiex jipprepara stima ghal tinda bil-pannelli sabiex possibilment tigi iffinanzjata mill-Iskema ‘Lokalitajiet Sostenibbli’ mahruga mill-Ministeru tal-Ambjent.

57.8.16 Talba minghand xi residenti fi Triq l-Ghejun sabiex jitwahhal *doggy bin* fit-tarf ta’ sqaq fi Triq l-Ghejun. Il-Kunsill qabel li dan il-*bin* ghandu jitwahhal fil-post indikat.

57.8.17 Talba minghand Josanne Pace ta’ Triq Kortoll sabiex (a) issir xi forma ta’ tinda lill-*cat house* li giet installata ricentament mill-Ministeru ghal Ghawdex fil-Pjazza tal-Kortoll; (b) titwahhal tabella sabiex persuni mhux

awtorizzati ma jitimghux il-qtates u (c) sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem din il-*cat house*. Il-Kunsill innota din it-talba.

**57.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

57.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

57.8.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

**57.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

57.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.50pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2022 fil-5.00pm fl-uffiċċju amministrattiv b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**